MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 126/2004

**A.**

**vs.**

**Dr. Beppe Fenech Adami LL.D. u l-Prokoratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tas-17 ta' Settembru 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati tal-assenti B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' April 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-istanti u B izzewgu fis-27 ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) f'Huddersfield, l-Ingilterra;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' Ceejay u li dan ghadu minorenni ta' tliet (3) snin;

Illi zewg l-istanti jinsab assenti minn Malta, fuq talba ta' l-istess istanti, gew nominati kuraturi deputati permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Settembru 2003;

Illi l-istanti talbet u ottjeniet mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-awtorizazzjoni sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali fil-konfront ta' zewgha u dan skond Digriet numru 135/2004, kopja ta' liema tinsab hawn unita u mmarkata Dok. "B";

Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn l-istanti u zewgha B minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija u offizi gravi, jew xi wahda minnhom;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Ceejay lill-istanti, salv id-dritt ta' access lill-konvenut;

3. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq ghaliha u ghal binha minuri Ceejay, skond il-ligi;

4. Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Green u taqsam u tassenja l-istess komunjoni *okkorrendo* bin-nomina ta' Perit sabiex ifassal pjan ta' qasma, Nutar biex jippubblika l-att pubbliku, u kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci;

5. Tapplika kontra zewgha l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48** u/jew **51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)**;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura ghan-nomina ta' kuraturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghall-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Tal-Familja), kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici fl-4 ta’ Awissu 2004 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretenzjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta’ nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilx;

Rat id-digriet tal-affidavit moghti wkoll fl-4 ta’ Awissu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici tletin (30) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista’ permezz tal-procedura tal-affidavit u gie nominat Dr. Vincent Galea LL.D. bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet datata 22 ta’ Settembru 2004 a fol. 26 tal-process fejn il-kuraturi deputati eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti m’humiex *edotti* mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw id-dritt illi jjipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkunu edotti minn dawn il-fatti;

2. Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 27 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta datata 8 ta’ Frar 2005 a fol. 29 tal-process fejn Dr. Melanie Schembri ghall-attrici pprezentat l-affidavit tal-attrici bil-visto tal-kuratur deputat u ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia LL.D. bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa s-seduti li hemm bzonn ghall-provi li fadal. Il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Gunju 2005 ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-nota ta’ l-attrici **A** li permezz taghha pprezentat l-affidavit **taghha stess** a fol. 31 sa fol. 32;

Rat in-nota guramentata datata 8 ta' Frar 2005 ta' l-attrici **A** a fol. 33;

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia LL.D. fis-17 ta' Marzu 2005 fejn xehdet l-attrici **A**;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia LL.D. fil-25 ta' April 2005, fid-9 ta' Mejju 2005 u fit-23 ta' Mejju 2005;

Rat il-verbal tas-seduta datata 2 ta' Gunju 2005 fejn Dr. Melanie Schembri ddikjarat li ma tafx x'inhu l-introjtu tal-konvenut u li komunjoni ma kien hemm xejn ta' valur. Dr. Schembri infurmat lill-Qorti li l-konvenut jivversa hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri, u dan ihallashom darba fix-xahar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju, 2005;

Rat li din il-Qorti b'digriet odjern f'din is-sentenza tikkonferma li n-nomina ta' Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju saret minflok dik ta' Dr. Vincent Galea, stante li l-istess Dr. Vincent Galea ma' baqax assenjat ma' din il-Qorti kif presjeduta bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat li l-kuraturi deputati ma' resqu l-ebda provi jew atti dwar l-istess kawza.

Rat l-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Gunju 2000 fl-Ingilterra, fejn l-attrici hija Maltija u r-ragel huwa Ingliz. Ghixu pero' f'Malta fejn kienu jirrisjedu

f'Birzebbuga fi flat mikri u kellhom tifel Ceejay Steven li f'April 2005 ghalaq erba' (4) snin.

Illi jirrizulta li skond kif tixhed l-attrici lejn l-ahhar tas-sena 2002 bdew il-problemi bejn il-partijiet ghaliex ma' bdew jaqblu f'xejn u hija tghid li l-istess konvenut kien ammetta maghha li kien ikkometta adulterju; l-attrici tghid li ppruvat tirranga z-zwieg izda dejjem hasset li ma' setghetx izjed tafda lill-konvenut u ghalkemm ippruvat tiehu l-ghajnuna li kien hemm bzonn. Jidher li l-partijiet waslu ghall-konkluzzjoni li ma' kienx hemm triq ohra hlief li jisseparaw u fil-fatt il-konvenut telaq definittivament l-Ingilterra fit-12 ta' Gunju 2003 u tghid li hemm jghix ma' mara ohra u l-genituri tieghu; l-istess konvenut ghandu arrangament li jara lill-ibnu fil-vaganzi u jcempillu nhar ta' Hadd.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi  milqugha minhabba eccessi u sevizzi *da parte* tal-konvenut peress li jidher car li l-istess konvenut telaq lill-attrici u naqas li jipprovdi ghall-manteniment ta' l-istess u dan apparti li kkometta adulterju fil-konfront ta' l-attrici li kawza ta' l-istess l-konvivenza bejn il-partijiet ma' baqghetx iktar possibbli. It-tieni talba ghandha wkoll tigi milqugha u l-kura u l-kustodja tal-minuri hija fdata f'idejn l-attrici bi dritt ta' access verso l-konvenut kif miftihem bejn il-partijiet fil-vaganzi tat-tifel meta l-istess konvenut ikun Malta oltre kuntatt bit-telefon mat-tifel kull nhar ta' Hadd, f'hinijiet li l-partijiet jidher li qablu dwarhom fil-kawza.

Illi dwar komunjoni ta' l-akkwisti l-istess qed tigi ddikjarata xolta b'effett mit-12 ta' Gunju 2003 u tiddikjara li dwar likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess ma' hemm xejn x'jigi likwidat u diviz ghaliex kif iddikjarat l-attrici ma' hemm xejn ta' valur, b'dan ghalhekk li kull parti ghandha zzomm l-oggetti kollha li fil-fatt jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu.

Illi dwar manteniment tal-minuri din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri ibnu l-ammont ta' Lm100 kull erba' gimghat pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici u dan huwa ibbazat fuq il-fatt li l-attrici xehdet u

kkonfermat li attwalment il-konvenut jghaddi din is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala manteniment ghall-minuri.

Illi dwar manteniment ta’ l-attrici din il-Qorti tikkonferma li l-attrici ghandha tali dritt ta’ manteniment favur il-konvenut, izda tali rata ta’ manteniment ma’ tistax tigi ffissata f’dan il-gudizzju peress li ma’ ingabitx prova attwali dwar l-introjtu tal-konvenut; ghalhekk tali dritt ghall-likwidazzjoni ta’ l-istess jibqa’ riservat favur l-attrici skond il-ligi.

Illi l-hames talba ghandha tigi milqugha b’dan li l-effetti kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut assenti.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** pero’ fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn l-istanti u zewgha B minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut ta’ konsistenti f’adulterju, eccessi u sevizzi, fis-sens fuq indikat li kawza ta’ l-istess il-konvivenza bejn il-kontendenti ma’ ghadhiex aktar possibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Ceejay lill-attrici, salv id-dritt ta’ access lill-konvenut hawn Malta waqt il-vaganzi tat-tifel mill-iskola u dan kif gie miftiehem bejn il-partijiet oltre kuntatt bit-telefon mat-tifel kull nhar ta’ Hadd, f’hinijiet li l-partijiet jidher li qablu dwarhom fil-kawza. Jigi ddikjarat li l-istess minuri jinsab abitwalment residenti Malta u iddomiciljat hawn Malta u l-access indikat huwa meta l-konvenut ikun hawn Malta.

3. Tilqa’ din it-talba fis-sens u fil-parametri u ghar-ragunijiet fuq indikati b’dan li dwar manteniment tal-minuri

Ceejay din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess ibnu Ceejay l-ammont ta’ mitt lira Maltija (Lm100) kull erba’ gimghat pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici.

Illi dwar manteniment ta’ l-attrici din il-Qorti tikkonferma li l-attrici ghandha tali dritt ta’ manteniment favur il-konvenut, izda tali rata ta’ manteniment ma’ tistax tigi ffissata f’din id-decizjoni peress li ma’ ingabitx prova attwali dwar l-introjtu tal-konvenut; ghalhekk tali dritt ghall-likwidazzjoni ta’ l-istess rata ta’ manteniment favur l-attrici jibqa’ riservat favur l-attrici skond il-ligi quddiem il-Qorti kompetenti.

4. Tilqa’ din it-talba fis-sens li komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet qed tigi ddikjarata xolta b’effett mit-12 ta’ Gunju 2003 u dwar likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-istess din il-Qorti tiddikjara ulterjorment li ma’ hemm xejn x’jigi likwidat u diviz ghaliex kif ddikjarat l-attrici ma’ hemm xejn ta’ valur, b’dan ghalhekk li kull parti ghandha izzomm l-oggetti kollha li fil-fatt jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu.

5. Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra zewgha l-konvenut interament id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta)**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------